



Dokument ta' sessjoni

A9-0419/2023

8.12.2023

*****|**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port (COM(2023)0271 – C9-0191/2023 – 2023/0165(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Vera Tax

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	4
NOTA SPJEGATTIVA	28
ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRČEVET KONTRIBUT MINGĦANDHOM	30
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD	31
PROĊEDURA – KUMITAT RESPONSABBLI	41
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	42

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port
(COM(2023)0271 – C9-0191/2023 – 2023/0165(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0271),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0191/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew tal-20 ta' Settembru 2023¹,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0419/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċiali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵ tistabbilixxi regoli dwar is-sistema għall-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port, fejn vapuri eliġibbli li jidħlu f'portijiet tal-Unjoni jiġu spezzjonati biex jiġi vverifikat jekk il-kompetenza tal-ekwipaġġ abbord u l-kundizzjoni tal-vapur u t-tagħmir tiegħu jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar u dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar.

Emenda

(1) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵ tistabbilixxi regoli dwar is-sistema għall-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port, fejn vapuri eliġibbli li jidħlu f'portijiet tal-Unjoni jiġu spezzjonati biex jiġi vverifikat jekk il-kompetenza **u l-kundizzjoni tax-xogħol u tal-għajxien** tal-ekwipaġġ abbord u l-kundizzjoni tal-vapur u t-tagħmir tiegħu jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar u **abbord, u** dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar.

²⁵ ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57

²⁵ ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Fid-dawl tal-impenn tal-Istati Membri li jirratifikaw il-Ftehim ta' Cape Town tal-2012, l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx dak il-ftehim jenħtieġ li jibdew il-proċess ta' ratifika malajr kemm jista' jkun. Barra minn hekk, dawk l-Istati Membri li diġà rratifikaw il-ftehim jenħtieġ li jimplimentawh mill-aktar fis.

Emenda 3

**Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Hong Kong għar-riċiklaġġ tal-vapuri sikur u ambjentalment korrett se tidħol fis-seħħ mis-26 ta' Ġunju 2025. Id-Direttiva preżenti jenħtieġ li tipprevedi għall-infurzar tagħha.

Emenda 4

**Proposta għal direttiva
Premessa 5b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni kollha, huwa preferibbli li l-ewwel jiġu trasposti l-konvenzjonijiet tas-sajd fl-acquis komunitarju bl-ġhan li tinħoloq sistema armonizzata ta' kontroll komunitarju. Madankollu, diġà hemm Stati Membri li rratifikaw konvenzjonijiet internazzjonali bħall-ILO C188) u l-STCW-F), li għandhom ir-responsabbiltà li jaapplikaw il-miżuri ta' Kontroll mill-Istat tal-Port.

Emenda 5

**Proposta għal direttiva
Premessa 5c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5c) Huwa ta' importanza kbira li l-Istati Membri li ma rratifikawx il-konvenzjonijiet internazzjonali relatati mas-sajd, speċjalment l-ILO C188, l-IMO STCW-F u l-IMO CTA, jagħmlu dan mill-aktar fis-possibbli, sabiex jevitaw ir-riskju li l-Istati Membri jaapplikaw ir-regoli b'mod differenti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinkoraġġixxi u tassisti b'mod attiv lill-

Istati Membri biex jirratifikaw il-konvenzionijiet internazzjonali rilevanti. Sabiex jiġu żgurati approċċi armonizzati fl-implimentazzjoni ta' dawn l-obbligi internazzjonali, dawn jenħtieġ li jiġu trasposti fil-livell tal-Unjoni bil-ħsieb li mbagħad jiġi stabbilit approċċi armonizzat għall-kontroll ta' dawn l-obbligi, inkluż sistemi ta' spezzjonijiet armonizzati fuq il-kontroll u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni C188.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 5d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5d) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli tivaluta u ssegwi r-ratifika tal-ftehimiet internazzjonali li jinkludu obbligi relatati mal-aktivitajiet tas-sajd u fejn xieraq tippreżenta proposta leġiżlattiva għal traspożizzjoni armonizzata ta' dawn l-obbligi internazzjonali fid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-Konvenzjoni STCW-F tal-IMO dwar sistema armonizzata ta' spezzjoni dwar il-kontroll u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni C188 kif ukoll miżuri ta' implementazzjoni fir-rigward tad-Direttiva (UE) 2017/159.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Minħabba d-daqs żgħir tagħhom, il-biċċa l-kbira tal-bastimenti tas-sajd fl-UE joperaw f'ilmijiet territorjali, u ma humiex suxxettibbli li jiġu spezzjonati f'portijiet barranin. Dan ifisser li b'mod ġenerali,

(6) Minħabba d-daqs żgħir tagħhom, il-biċċa l-kbira tal-bastimenti tas-sajd fl-UE joperaw f'ilmijiet territorjali, u ma humiex suxxettibbli li jiġu spezzjonati f'portijiet barranin. Dan ifisser li b'mod ġenerali,

bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru biss (li huma wkoll il-bastimenti tas-sajd li huma l-aktar soġġetti għal konvenzionijiet internazzjonali) x'aktarx jinvolvu ruħhom f'ilmijiet internazzjonali u jidħlu f'portijiet differenti minn dawk fil-pajjiż fejn ikunu rreġistrati u għalhekk ikunu soġġetti għal **PSC**. Peress li l-maġġoranza tal-konvenzionijiet internazzjonali applikabbi għal bastimenti tas-sajd akbar huma differenti minn dawk li bħalissa huma infurzati permezz tal-kontroll mill-Istat tal-port u biex jiġu evitati effetti sekondarji mhux mixtieqa fuq is-sistema kurrenti ta' kontroll mill-Istat tal-port, qiegħda tīgħi proposta sistema parallela ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd.

bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru biss (li huma wkoll il-bastimenti tas-sajd li huma l-aktar soġġetti għal konvenzionijiet internazzjonali) x'aktarx jinvolvu ruħhom f'ilmijiet internazzjonali u jidħlu f'portijiet differenti minn dawk fil-pajjiż fejn ikunu rreġistrati u għalhekk ikunu soġġetti għal **kontroll mill-Istat tal-port**. Peress li l-maġġoranza tal-konvenzionijiet internazzjonali applikabbi għal bastimenti tas-sajd akbar huma differenti minn dawk li bħalissa huma infurzati permezz tal-kontroll mill-Istat tal-port u biex jiġu evitati effetti sekondarji mhux mixtieqa fuq is-sistema kurrenti ta' kontroll mill-Istat tal-port, qiegħda tīgħi proposta sistema parallela ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd.

Madankollu, il-kriterji ta' spezzjoni għall-bastimenti tas-sajd jenħtieġ li jiġu allinjati kemm jista' jkun mal-kriterji ta' spezzjoni tal-Ftehim ta' Cape Town, peress li l-Istati Membri kollha impenjaw ruħhom li jirratifikaw sabiex jevitaw il-frammentazzjoni tal-prattiki madwar il-portijiet tal-Unjoni. Dan se jiffaċilita l-ġbir ta' data aktar kompluta inkluż, dwar inċidenti u korrimenti abbord tali bastimenti u t-titjib tas-sahħha u s-sikurezza tal-baħħara u tas-sajjieda li jaħdmu fuqhom.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Madankollu, minħabba x-xejriet tas-sajd mhux l-Istati Membri kollha tal-UE ssirilhom żjara minn dawn il-bastimenti tas-sajd akbar. Għalhekk, qiegħda tīgħi proposta sistema volontarja għal dawk l-Istati Membri tal-UE li jixtiequ jwettqu dawn l-ispezzjonijiet u li hija separata mir-reġim attwali ta' kontroll mill-Istat tal-port biex tippermetti l-

Emenda

(7) Madankollu, minħabba x-xejriet tas-sajd mhux l-Istati Membri kollha tal-UE ssirilhom żjara minn dawn il-bastimenti tas-sajd akbar. Għalhekk, qiegħda tīgħi proposta sistema volontarja għal dawk l-Istati Membri tal-UE li jixtiequ jwettqu dawn l-ispezzjonijiet u li hija separata mir-reġim attwali ta' kontroll mill-Istat tal-port biex tippermetti l-

flessibbiltà u l-mod kif l-istandardi jiġu żviluppati fil-kontroll mill-Istat tal-port. Din is-sistema ta' kontroll mill-Istat tal-port tal-bastiment tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru tista' għalhekk tiġi żviluppata b'mod organiku mill-Istati Membri, mill-MtQ ta' Pariġi u mill-Kummissjoni.

flessibbiltà u l-mod kif l-istandardi jiġu żviluppati fil-kontroll mill-Istat tal-port. Din is-sistema ta' kontroll mill-Istat tal-port tal-bastiment tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru tista' għalhekk tiġi żviluppata b'mod organiku mill-Istati Membri, mill-MtQ ta' Pariġi u mill-Kummissjoni. *Din is-sistema volontarja jenħtieġ li tīgi promossa peress li se tgħin lill-Istati Membri u lil bastimenti tas-sajd akbar iħejju għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Cape Town tal-2012 dwar l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Protokoll tal-1993 relatat mal-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Torremolinos għas-Sikurezza tal-Bastimenti tas-Sajd tal-1977 (il-“Ftehim ta' Cape Town”) biex tittejjeb is-sikurezza tal-bastimenti tas-sajd. Kemm jista' jkun malajr wara d-dħul fis-seħħ ta' dak il-ftehim, jenħtieġ li l-Kummissjoni tallinja l-atti legali eżistenti tal-Unjoni kif xieraq, u b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 97/70/EC^{1a}. Ir-reġim obbligatorju ta' infurzar tal-kontroll mill-Istat tal-port li għandu jiġi introdott fl-Unjoni wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Cape Town jenħtieġ li jqis is-sistemi volontarji eżistenti għall-kontroll mill-Istat tal-port tal-bastimenti tas-sajd imsemmija f'din id-Direttiva.*

^{1a} *Id-Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE tal-11 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi reġim armonizzat tas-sigurta għal bastimenti tas-sajd ta' 24 metru fit-tul u aktar (ĠU L 34, 9.2.1998, p. 1, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A31997L0070>*

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Matul l-aħħar 10 snin u minkejja ż-żidiet fl-għadd ta' bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE inkluż it-trasport marittimu fuq distanzi qosra ta' merkanzija bejn il-portijiet ewlenin fl-Istati Membri tal-UE u l-portijiet li jinsabu fl-Ewropa ġeografika jew f'pajjiżi mhux Ewropej fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, ilprofil tas-sikurezza tal-bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE tjieb b'mod konsiderevoli. L-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port qegħdin jintużaw dejjem aktar biex tīgħi infurzata l-leġiżlazzjoni ambjentali bħal fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kubrit jew l-iskrappjar sikur u ambjentali tal-vapuri. Il-pakkett “lesti għall-mira ta’ 55 %” għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra tal-UE b’55 % sal-2030, u b’hekk iwitti t-triq għan-newtralitā klimatika sal-2050 u t-trasport marittimu huwa mistenni li jikkontribwixxi għal dan l-isforz. Madankollu, ilprofil ta’ riskju tal-vapuri mfassal qabel l-2009 kellu prioritajiet differenti u ma huwiex adattat bis-sħiħ biex jiffoka l-isforz ta’ spezzjoni fuq il-bastimenti bl-inqas prestazzjoni ambjentali.

Emenda

(11) Matul l-aħħar 10 snin u minkejja ż-żidiet fl-għadd ta' bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE inkluż it-trasport marittimu fuq distanzi qosra ta' merkanzija bejn il-portijiet ewlenin fl-Istati Membri tal-UE u l-portijiet li jinsabu fl-Ewropa ġeografika jew f'pajjiżi mhux Ewropej fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, ilprofil tas-sikurezza tal-bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE tjieb b'mod konsiderevoli. L-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port qegħdin jintużaw dejjem aktar biex tīgħi infurzata l-leġiżlazzjoni ambjentali bħal fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kubrit jew l-iskrappjar sikur u ambjentali tal-vapuri. **F'konformità mal-impenji tagħha skont il-Ftehim ta' Pariġi^{3b}, adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, jenħtieġ li l-Unjoni tkompli teżerċita t-tmexxija tagħha f'settur li huwa rregolat kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak internazzjonali u li għadu dippendenti ħafna fuq il-fjuwils fossili.** Il-pakkett “lesti għall-mira ta’ 55 %” għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra tal-UE b’55 % sal-2030, u b’hekk iwitti t-triq għan-newtralitā klimatika sal-2050 u t-trasport marittimu huwa mistenni li jikkontribwixxi għal dan l-isforz. Madankollu, ilprofil ta’ riskju tal-vapuri mfassal qabel l-2009 kellu prioritajiet differenti u ma huwiex adattat bis-sħiħ biex jiffoka l-isforz ta’ spezzjoni fuq il-bastimenti bl-inqas prestazzjoni ambjentali.

^{1a} **ĠUL 282, 19.10.2016, p. 4.**

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test proposet mill-Kummissjoni

(12) Fuq din il-bażi, il-profil ta' riskju tal-vapur jenħtieġ li jiġi aġġornat biex jirrifletti kwistjonijiet ambientali billi tingħata aktar importanza lill-prestazzjoni ambientali, inkluża l-intensità tal-karbonju operazzjonali tal-vapuri li jkunu qegħdin jiġu spezzjonati kif ukoll lil nuqqasijiet u detenzjonijiet relatati mal-ambjent.

Emenda

(12) Fuq din il-bażi, il-profil ta' riskju tal-vapur jenħtieġ li jiġi aġġornat biex jirrifletti kwistjonijiet ambientali billi tingħata aktar importanza lill-prestazzjoni ambientali, inkluża l-intensità tal-karbonju operazzjonali tal-vapuri li jkunu qegħdin jiġu spezzjonati kif ukoll lil nuqqasijiet u detenzjonijiet relatati mal-ambjent. *Il-kontroll mill-Istat tal-Port jista' jkollu rwol importanti fl-iżgurar li l-miżuri "Lesti għall-mira ta' 55 %" li japplikaw għas-settur marittimu jkunu effettivi permezz tal-impożizzjoni ta' aktar spezzjonijiet numeru zi fuq vapuri li jniġġsu. Filwaqt li jissalvagwardja l-kompetittività tas-settur, dan se jgħin biex jippromwovi l-użu ta' provvista tal-enerġija mix-xatt jew kwalunkwe teknoloġija oħra li tiffranka l-enerġija li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sustanzi li jniġġsu l-arja fil-portijiet. Dan, flimkien mal-appoġġ għall-industriji tal-portijiet, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u n-negozji ġodda speċjalizzati fl-ekonomija ċirkolari u l-investiment f'alternattivi rinnovabbli, b'emissjonijiet baxxi u b'emissjonijiet zero, se jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tan-newtralitā klimatika tal-Unjoni.*

Emenda 11

**Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Hekk kif l-IMO tkun ikkonkludiet ir-reviżjoni tal-indikatur tal-intensità tal-karbonju (CII) tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att delegat sabiex temenda din id-Direttiva billi tinkludi l-indikatur tal-intensità tal-karbonju adottat mill-IMO fost il-parametri ambientali użati għad-determinazzjoni tal-

*profil tar-riskju ta' vapur fir-rigward ta'
vapur skont din id-Direttiva.*

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Id-diġitalizzazzjoni hija parti integrali mill-progress teknoloġiku fil-qasam tal-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data bil-ħsieb li tgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet u biex ir-riżorsi umani jintużaw b' effiċjenza. L-ġħadd ta' vapuri li bħalissa jġorru ċertifikati elettroniċi qiegħed jiżdied u mistenni li jiżdied. Għalhekk, l-effettivitā tal-kontroll mill-Istat tal-port jenħtieġ li tissaħħa billi jsir aktar użu miċ-ċertifikati elettroniċi biex ikunu jistgħu jsiru spezzjonijiet aktar iffukati fuq il-vapuri mħejjija aħjar. L-adozzjoni u l-użu ta' dawn iċ-ċertifikati elettroniċi jenħtieġ li jiġu incēntivati bl-inklużjoni tagħhom fil-profil ta' riskju tal-vapur.

Emenda

(13) Id-diġitalizzazzjoni hija parti integrali mill-progress teknoloġiku fil-qasam tal-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data bil-ħsieb li tgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet u biex ir-riżorsi umani jintużaw b' effiċjenza. L-ġħadd ta' vapuri li bħalissa jġorru ċertifikati elettroniċi qiegħed jiżdied u mistenni li jiżdied. Għalhekk, l-effettivitā tal-kontroll mill-Istat tal-port jenħtieġ li tissaħħa billi jsir aktar użu miċ-ċertifikati elettroniċi biex ikunu jistgħu jistgħu jsiru spezzjonijiet aktar iffukati fuq il-vapuri mħejjija aħjar. L-adozzjoni u l-użu ta' dawn iċ-ċertifikati elettroniċi jenħtieġ li jiġu incēntivati bl-inklużjoni tagħhom fil-profil ta' riskju tal-vapur. **Huwa importanti li l-Unjoni tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-baħħara sabiex għall-ottimizzazzjoni tal-benefiċċċi li d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni jistgħu jgħibu lis-settur marittimu, b'mod partikolari f'termini ta' tnaqqis tal-emissjonijiet.**

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Il-kontroll mill-Istat tal-port qiegħed isir aktar kumpless hekk kif qed jiżdiedu rekwiżiti ġoddha ta' spezzjoni, jew permezz tad-dritt tal-Unjoni jew permezz

Emenda

(14) Il-kontroll mill-Istat tal-port qiegħed isir aktar kumpless hekk kif qed jiżdiedu rekwiżiti ġoddha ta' spezzjoni, jew permezz tad-dritt tal-Unjoni jew permezz

tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Għalhekk hemm bżonn li jiġi żgurat it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-uffiċċiali ta' kontroll mill-Istat tal-port u li t-taħriġ tagħhom jiġi żviluppat kontinwament.

tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali **u tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol**. Għalhekk hemm bżonn li jiġi żgurat it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-uffiċċiali ta' kontroll mill-Istat tal-port u li t-taħriġ tagħhom jiġi żviluppat kontinwament. **B'mod aktar spċificu, jenħtieġ li ssir aktar enfasi fuq it-taħriġ li jirrigwarda ir-rispett għall-bennesseri tal-baħħara, b'mod partikolari rigward il-verifika tar-rekords tas-sigħat tax-xogħol u ta' mistrieħ, peress li l-mistrieħ insuffiċċjenti jaffettwa s-sikurezza tal-vapur u l-prestazzjoni tax-xogħol, u rigward is-sahħha okkupazzjonali tal-baħħara. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-port jimplimentaw ukoll ir-responsabbiltajiet tagħhom b'mod effettiv skont il-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 (Nru 188). Huwa importanti li jitqiesu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord tal-ekwipaġġ u t-taħriġ u l-kwalifikasi tal-membri tiegħu, peress li l-kunsiderazzjonijiet tas-sahħha, tas-sikurezza, tas-sigurtà u dawk soċjali huma interkonnessi mill-qrib u li huwa tal-akbar importanza li tiġi evitata kwalunkwe ħsara kkawżata minn fatturi umani. B'mod partikolari, meta jikkunsidraw id-detenzjoni ta' bastiment abbażi ta' ksur serju jew ripetut tar-rekwiżiti tal-MLC 2006 (inkluż id-drittijiet tal-baħħara), l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu wkoll il-pagi minimi, is-sigħat tax-xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ.**

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) L-amministrazzjonijiet tal-Istati tal-bandiera tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ huma meħtieġa li

Emenda

(15) L-amministrazzjonijiet tal-Istati tal-bandiera tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ huma meħtieġa li

jkollhom sistema ta' ġestjoni tal-kwalità sabiex jgħinu lill-Istati Membri jkomplu jtejbu l-prestazzjoni tagħhom bħala Stati tal-bandiera u jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti bejn l-amministrazzjonijiet. Rekwiżit simili għall-attivitajiet ta' kontroll mill-Istat tal-port jenħtieġ li jippermetti lill-Istati Membri jiċċertifikaw li l-organizzazzjoni tagħhom, il-politiki, il-proċessi, ir-riżorsi u d-dokumentazzjoni tagħha huma xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tagħha kif ukoll jidtentifikaw problemi tas-sistema bħal kwistjonijiet ta' allokazzjoni tar-riżorsi jew tal-persunal qabel ma dawn isiru problematiċi.

jkollhom sistema ta' ġestjoni tal-kwalità sabiex jgħinu lill-Istati Membri jkomplu jtejbu l-prestazzjoni tagħhom bħala Stati tal-bandiera u jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti bejn l-amministrazzjonijiet. Rekwiżit simili għall-attivitajiet ta' kontroll mill-Istat tal-port jenħtieġ li jippermetti lill-Istati Membri jiċċertifikaw li l-organizzazzjoni tagħhom, il-politiki, il-proċessi, ir-riżorsi u d-dokumentazzjoni tagħha huma xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tagħha kif ukoll jidtentifikaw problemi tas-sistema bħal kwistjonijiet ta' allokazzjoni tar-riżorsi jew tal-persunal qabel ma dawn isiru problematiċi. **L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-port jenħtieġ li jivverifikaw il-konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbi dwar is-sikurezza u s-sigurtà marittima, dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord, fir-rigward tal-vapuri li jieqfu fil-portiġiet tagħhom. Fit-twettiq ta' tali attivitajiet ta' monitoraġġ, l-Istat tal-port jenħtieġ li ma jindaħalx fil-kompetenzi ta' Stat tal-bandiera, kif stabbilit minn konvenzjonijiet internazzjonali bħall-Artikolu 94 tal-UNCLoS u minn atti legali tal-Unjoni bħad-Direttiva 2013/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{26a}.**

²⁶ Id-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132).

^{26a} Id-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132).

^{26a} **Id-Direttiva 2013/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ċerti responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera għall-konformità mal-Konvenzioni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006 u l-infurzar tagħha.**

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) L-Istati Membri jeħtieġ li japplikaw l-istess kriterji għall-flotot nazzjonali u għal bastimenti bi bnadar Ewropej oħra li jidħlu fil-portijiet tagħhom. Jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda differenza fit-trattament tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u bejn is-sistemi ta' kontroll nazzjonali differenti implimentati.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Fid-dawl taċ-ċiklu sħiħ ta' monitoraġġ taż-żjarat fl-Istati Membri mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) biex timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE mhux aktar tard minn [10 snin wara d-data tal-applikazzjoni tagħha msemmija fl-Artikolu XX)] u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarha. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa għal din l-evalwazzjoni.

(19) Fid-dawl taċ-ċiklu sħiħ ta' monitoraġġ taż-żjarat fl-Istati Membri mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) biex timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE mhux aktar tard minn [5 snin wara d-data tal-applikazzjoni tagħha msemmija fl-Artikolu XX)] u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarha. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa għal din l-evalwazzjoni.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – parti introduttorja

Test proposet mill-Kummissjoni

(a) fil-punt 1, jiżdiedu l-punti (*i*) u (*m*) li ġejjin:

Emenda

(a) fil-punt 1, jiżdiedu l-punti (*l*), (*m*) u (*ma*) li ġejjin:

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ma (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(ma) Il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Hong Kong għar-Riċiklaġġ tal-Vapuri Sikur u Ambjentalment Korrett (“Il-Konvenzjoni ta' Hong Kong”).

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4a

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri jistgħu jwettqu spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port ta' bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' aktar minn 24 metru. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu l-modalitajiet ta' tali régim speċifiku ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' aktar minn 24 metru. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).

4a. *Sa dak iż-żmien meta régim obbligatorju ta' kontroll mill-Istat tal-port jaapplika għall-bastimenti tas-sajd fl-Unjoni kollha, bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Cape Town u l-emenda tal-atti legali rilevanti tal-Unjoni, l-Istati Membri individwali jistgħu jwettqu spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port ta' bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' aktar minn 24 metru. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu l-modalitajiet ta' tali régim speċifiku ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' aktar minn 24 metru. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami*

msemmija fl-Artikolu 31(2).

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 8a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

In-nuqqas li titwettaq spezzjoni minħabba raġunijiet ta' force majeure ma għandux jitqies bħala spezzjoni maqbuża diment li l-ispezzjoni maqbuża u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' twettiq tagħha jkunu ddokumentati **u r-reġistrati** fil-bażi tad-data tal-ispezzjoni.

Emenda

In-nuqqas li titwettaq spezzjoni minħabba raġunijiet ta' force majeure ma għandux jitqies bħala spezzjoni maqbuża diment li l-ispezzjoni maqbuża u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' twettiq tagħha jkunu ddokumentati, **irreġistrati** fil-bażi tad-data tal-ispezzjoni **u rrapporati lill-EMSA**.

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

“(c) Parametri ambjentali

Il-parametri ambjentali għandhom ikunu bbażati fuq **l-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju tal-vapur u fuq l-għadd ta' nuqqasijiet relatati mal-MARPOL, mal-AFS, mal-Konvenzjoni BWM, mas-CLC 92, mal-Konvenzjoni dwar il-Bunkers u mal-Konvenzjonijiet ta' Nairobi, f'konformità mal-Anness I, mal-Parti I.3 u mal-Anness II.**

Emenda

“(c) Parametri ambjentali

Il-parametri ambjentali għandhom ikunu bbażati fuq l-għadd ta' nuqqasijiet relatati mal-MARPOL, mal-AFS, mal-Konvenzjoni BWM, mas-CLC 92, mal-Konvenzjoni dwar il-Bunkers u mal-Konvenzjonijiet ta' Nairobi, **u l-forniment ta' dokumentazzjoni valida relatata mar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jew mal-Konvenzjoni ta' Hong Kong**, f'konformità mal-Anness I, mal-Parti I.3 u mal-Anness II.

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġidid)

Direttiva 2009/16/KE
Artikolu 18 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera b'kopja lill-Organizzazzjoni Internazzjoni tax-Xogħol (ILO) **jekk adatt, ta'** ilmenti mhux manifestament bla bażi u b'azzjonijiet ta' segwitu **meħudin**.

Emenda

(12a) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, b'kopja lill-Organizzazzjoni Internazzjoni tax-Xogħol (ILO) **u lill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), dwar ilmenti mhux manifestament bla bażi u b'azzjonijiet ta' segwitu **meħudin**. L-Aġenzija għandha tiġi mistiedna mill-Istati Membri, f'konformità mar-Regolament tal-EMSA, tipprovdi appoġġ operazzjonali u tekniku fir-rigward tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza.**

(32009L0016)

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2009/16/KE
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagraphu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-ordni ta' rifjut tal-aċċess għandha titneħħha wara li jkun għad-donna perjodu ta' 12-il xahar. L-ordni ta' rifjut tal-aċċess għandha ssir applikabbli mid-data tal-ħruġ tagħha.

Emenda

L-ordni ta' rifjut tal-aċċess għandha ssir applikabbli mid-data tal-ħruġ tagħha.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2009/16/KE
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagraphu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Tali rifjut **għandu jinżamm sakemm is-sid jew l-operatur jipprovi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn instab li l-vapur kien difettuż, li turi li l-vapur jikkonforma biss-sħiħ mar-rekwiżiti applikabbli tal-Konvenzjonijiet.**

Emenda

L-ordni ta' rifjut **tal-aċċess għandha titneħħa wara li jkun għadda perjodu ta' 12-il xahar bil-kundizzjoni li s-sid jew l-operatur jipprovi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn instab li l-vapur kien difettuż, li turi li l-vapur jikkonforma biss-sħiħ mar-rekwiżiti applikabbli tal-Konvenzjonijiet.**

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 22 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

F'kooperazzjoni mal-Istati Membri u billi jitqiesu l-għarfien espert u l-esperjenza miksuba fl-Unjoni u fl-ambitu tal-MtQ ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa programm ta' żvilupp u taħriġ professjoni għall-ispetturi ta' kontroll mill-Istat tal-port. Dan il-programm ta' taħriġ għandu jqis l-ambitu usa' tal-kontroll mill-Istat tal-port kif ukoll it-titjib fl-ambitu u fil-forom tat-taħriġ.

Emenda

F'kooperazzjoni mal-Istati Membri u billi jitqiesu l-għarfien espert u l-esperjenza miksuba fl-Unjoni u fl-ambitu tal-MtQ ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha **tiżgura appoġġ adegwaw għall-armonizzazzjoni tal-prattiki ta' kontroll mill-Istat tal-port madwar l-Unjoni, filwaqt li tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE kull 4 snin dwar il-livell ta' armonizzazzjoni u l-istandardi tal-ispezzjonijiet. Għandha tiżviluppa wkoll programm ta' żvilupp u taħriġ professjoni għall-ispetturi ta' kontroll mill-Istat tal-port. Dan il-programm ta' taħriġ għandu jqis l-ambitu usa' tal-kontroll mill-Istat tal-port kif ukoll it-titjib fl-ambitu u fil-forom tat-taħriġ. Il-Kummissjoni għandha tibni fuq l-għarfien espert tal-EMSA u tappoġġja l-attività tagħha peress li t-taħriġ li tiproponi jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-prattiki tal-uffiċjali ta' kontroll mill-Istat tal-port.**

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 22 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, tidentifika u tipprovd i ħtiġijiet ġodda ta' taħriġ biex jiġu emendati l-kurrikuli, issillabi u l-kontenut tal-programm ta' żvilupp u taħriġ professjonali għall-ispetturi, speċjalment fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda u fir-rigward tal-obbligi addizzjonali li jirriżultaw mill-strumenti rilevanti.

Emenda

F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, tidentifika u tipprovd i ħtiġijiet ġodda ta' taħriġ biex jiġu emendati l-kurrikuli, issillabi u l-kontenut tal-programm ta' żvilupp u taħriġ professjonali għall-ispetturi, speċjalment fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda u fir-rigward tal-obbligi addizzjonali li jirriżultaw mill-strumenti rilevanti *sabien tiffacċilita l-konformità mal-istandardi ambjentali, soċċali, tas-saħħa pubblika u tal-liġi tax-xogħol u sikurezza abbord il-vapuri li jieq fu fil-portijiet tal-Unjoni kemm għall-baħħara kif ukoll għall-ħaddiema tal-port, b'enfasi speċċali fuq il-ħaddiema nisa.*

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 22 – paragrafu 7 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni, bl-involviment tal-EMSA, għandha tipprodu dokument ta' gwida li joffri pariri dwar kif għandhom jiġu implementati l-Konvenzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-MLC 2006, fir-rigward tal-kontroll mill-Istat tal-port. L-EMSA għandha tipprovd wkoll informazzjoni dettaljata dwar il-problemi l-aktar frekwenti identifikati matul l-ispezzjonijiet tal-Istat tal-port ta' vapuri taħt kull bandiera.

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 23 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-piloti tagħhom imqabbdin biex jankraw jew iħollu vapuri jew imqabbdin biex jaħdmu fuq vapuri li sejrin lejn port jew fi **transitu** fi Stat Membru immedjatament jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-port jew Stat kostali, kif **adatt**, meta jsiru jafu li waqt il-qadi normali ta' dmirijethom hemm anomaliji apparenti li jistgħu jippreġudikaw in-navigazzjoni **sigura** tal-vapur, jew li jistgħu jkunu ta' theddida għall-ambjent tal-baħar.

Emenda

(14a) Fl-Artikolu 23, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-piloti tagħhom imqabbdin biex jankraw jew iħollu vapuri jew imqabbdin biex jaħdmu fuq vapuri li sejrin lejn port jew fi **tranżitu** fi Stat Membru immedjatament jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-port jew Stat kostali, kif **xieraq**, meta jsiru jafu li waqt il-qadi normali ta' dmirijethom **ikun** hemm anomaliji apparenti li jistgħu jippreġudikaw in-navigazzjoni **sikura** tal-vapur, **jew is-sikurezza tal-baħħara abbord** jew li jistgħu jkunu ta' theddida għall-ambjent tal-baħar.

(02009L0016-20191221)

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 23 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Jekk awtoritajiet jew korpi tal-port, waqt il-qadi tad-dmirijiet normali tagħhom, isiru jafu li vapur fil-port tagħhom għandu anomaliji apparenti li jistgħu jippreġudikaw is-sikurezza tal-vapur jew huma ta' theddida irraġonevoli ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar, tali awtorità jew korp għandhom jinformaw immedjatament lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-port konċernat.

Emenda

2. Jekk awtoritajiet jew korpi tal-port, waqt il-qadi tad-dmirijiet normali tagħhom, isiru jafu li vapur fil-port tagħhom għandu anomaliji apparenti li jistgħu jippreġudikaw is-sikurezza tal-vapur jew **tal-baħħara abbord jew li** huma ta' theddida irraġonevoli ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar, tali awtorità jew korp għandhom jinformaw immedjatament lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-port

konċernat.

(02009L0016-20191221)

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 24a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-interfaċċa armonizzata tar-rapportar, l-għodda ta' validazzjoni u r-repożitorju/il-bażi tad-data ċentrali għall-verżjonijiet elettroniċi taċ-ċertifikati biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tar-reġistri tal-vapuri tagħhom għaċ-ċertifikati elettroniċi.

Emenda

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-interfaċċa armonizzata tar-rapportar, l-għodda ta' validazzjoni u r-repożitorju/il-bażi tad-data ċentrali għall-verżjonijiet elettroniċi taċ-ċertifikati biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tar-reġistri tal-vapuri tagħhom għaċ-ċertifikati elettroniċi. ***Iċ-ċertifikati elettroniċi għandhom ikunu obbligatorji għall-Istati Membri kollha malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva emendantorja u fi kwalunkwe każ-mhux aktar tard minn tliet snin wara dan.***

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 24a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat li joħroġ tali ċertifikati elettroniċi għandu jkollhom dan rifless fil-profil ta' riskju tal-vapur (SRP) kif stabbilit fl-Annessi I u II.

Emenda

3. Il-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat li joħroġ tali ċertifikati elettroniċi għandu jkollhom dan rifless fil-profil ta' riskju tal-vapur (SRP) kif stabbilit fl-Annessi I u II ***sa dak iż-żmien li ċ-ċertifikat elettroniku jsir obbligatorju.***

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 2(6)

Test fis-seħħ

Artikolu 26

Pubblikazzjoni ta' informazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli u żżomm fuq websajt pubblika l-informazzjoni dwar l-ispezzjonijiet, id-detenzjonijiet u c-ċaħdiet ta' aċċess skond l-Anness XIII, b'bini fuq it-tagħrif espert u l-esperjenza taħt il-MOU ta' Pariġi.

Emenda

(17a) l-Artikolu 26 huwa sostitwvit b'dan li ġej:

“Artikolu 26

Pubblikazzjoni ta' informazzjoni

Pubblikazzjoni ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli u żżomm fuq websajt pubblika l-informazzjoni dwar l-ispezzjonijiet, id-detenzjonijiet u c-ċaħdiet ta' aċċess skond l-Anness XIII, b'bini fuq it-tagħrif espert u l-esperjenza taħt il-MOU ta' Pariġi. ***L-informazzjoni li tidentifika vapur individuali għandha tkun disponibbli għall-pubbliku biss jekk il-proċedimenti legali kollha jkunu ġew finalizzati u ma jkun hemm l-ebda appell.”***

(02009L0016-20191221)

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal data: **10** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja] tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva u l-konformità magħha.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal data: **haxes** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja] tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva u l-konformità magħha. ***Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, abbażi tar-rapport, jekk huwiex meħtieġ li tressaq proposta leġiżlattiva għall-emendar ta' din id-Direttiva jew għal atti legali ulterjuri***

f'dan il-qasam.

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 35 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fi kwalunkwe każ̄, hekk kif l-IMO tkun adottat indikatur tal-intensità tal-karbonju (CII), il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 30b, sabiex temenda l-Anness I u l-Anness II ta' din id-Direttiva billi tinkludi l-indikatur tal-intensità tal-karbonju adottat mill-IMO fost il-parametri ambjentali użati għad-determinazzjoni tal-profil tar-riskju ta' vapur fir-rigward ta' vapur skont din id-Direttiva.

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 35 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sa... [data ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], il-Kummissjoni għandha tressaq rapport quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-progress magħmul mill-Istati Membri fir-rigward tar-ratifica tal-ftehimiet internazzjonali li jinkludu obbligi relatati mas-sajd kif ukoll tivvaluta kif dawn l-obbligi jenħtieġ li jiġu trasposti fil-livell tal-UE u, fejn xieraq, tippreżzenta proposta leġiżlattiva għal dan il-għan.

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Anness I – punt I – punt g – subpunt i

Direttiva 2009/16/KE

Anness I

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

- (i) *L-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju tal-vapur, il-vapuri li huma tal-kategorija D-E għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju ogħla.*

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Anness I – punt I – subparagrafu g – subpunt iia (ġdid)

Direttiva 2009/16/KE

Anness I

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

- (iia) Vapuri li m'għandhomx inventarju validu ta' sustanzi perikolużi kif spjegat fid-dettall fir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jew fil-Konvenzjoni ta' Hong Kong għandhom jiġu kkunsidrati bħala riskju ogħla*

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Anness II – tabella – punt 8

Direttiva 2009/16/KE

Anness II

<i>Test propos mill-Kummissjoni</i>						
8	Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju (CII)	Klassifikazzjon i 1	D-E	1		

Emenda

8

imħassar

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Anness II – tabella – punt 9a (ġidid)

Direttiva 2009/16/KE

Anness II

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

<i>9a</i>	<i>Vapuri li ma għandhomx inventarju validu ta' sustanzi perikolużi kif spiegat fid-dettall fir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jew fil-Konvenzjoni ta' Hong Kong għandhom jiġu kkunsidrati bħala riskju ogħla</i>		<i>L-ebda dokumentazzjoni valida</i>	<i>1</i>		
-----------	--	--	--------------------------------------	----------	--	--

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Anness III – Parti A – punt 54a (ġidid)

Direttiva 2009/16/KE

Anness III

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

54a. Inventarju validu ta' sustanzi perikolużi kif spiegat fid-dettall fir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jew fil-Konvenzjoni ta' Hong Kong

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur tilqa' l-preżentazzjoni tal-Pakkett dwar is-Sikurezza Marittima u r-reviżjoni tadt-direttiva dwar il-kontroll mill-Istat tal-port. Is-Sinjura Tax tappoġġja l-objettiv ġeneralist ta' din ir-reviżjoni, li huwa li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi adattata għar-regolamenti internazzjonali riveduti filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u l-kompetittività tat-tbaħħir tal-UE.

Ir-rapporteur iffokat l-abbozz ta' rapport tagħha fuq ffit elementi, li fil-fehma tagħha jeħtieġu xi aġġustamenti.

1) Kunsiderazzjoni aħjar tal-Patt Ekoloġiku Ewropew

Is-Sinjura Tax temmen li l-kontroll mill-Istat tal-port jiċċi jnaqqas b'suċċess l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'konformità mal-impenn tal-UE għan-newtralità klimatika, filwaqt li jissalvagwardja l-kompetittività tas-settur u jgħin biex jinċentiva l-elettriku mix-xatt jew kwalunkwe teknoloġija oħra li tiffranka l-enerġija, li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u s-sustanzi li jniġġu l-arja fil-portijiet.

Għalhekk, ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li r-reġim ta' kontroll isir aktar reattiv għall-prioritajiet klimatiċi tal-UE billi jitqiesu n-nuqqasijiet ambjentali identifikati matul l-ispezzjonijiet mill-Istat tal-port u l-indiċi tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vapur fid-definizzjoni tal-profil tar-riskju tal-vapur.

Fir-rapport tagħha, ir-rapporteur insistiet fuq il-kontribut li jista' jagħmel il-kontroll mill-Istat tal-port għat-taqqs tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-impenn tal-UE għan-newtralità klimatika. L-UE jeħtiġilha żżomm rwol ewljeni fin-negozjati lejn it-taqqs tal-emissjonijiet fi ħdan il-qafas tal-OMI.

2) Introduzzjoni ta' kontrolli volontarji mill-Istat tal-port fuq bastimenti tas-sajd ta' aktar minn 24 metru

Ir-rapporteur tappoġġja din l-introduzzjoni, li tippromwovi l-konformità mal-istandardi internazzjonali kif ukoll l-iżvilupp ta' linji gwida għat-twettiq ta' spezzjonijiet mill-Istat tal-port fuq il-bastimenti tas-sajd; din se tikkontribwixxi għat-titjib tal-livell ta' sikurezza abbord dawn il-vapuri, li jesperjenzaw livell relattivamente għoli ta' inċidenti.

Is-Sinjura Tax temmen li tali kontrolli għandhom isiru obbligatorji hekk kif il-Ftehim ta' Cape Town biex jissaħħa is-sajd jidħol fis-seħħ u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE tiġi aġġornata kif xieraq.

3) Diġitalizzazzjoni u ċertifikat elettroniku

Ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li l-adozzjoni u l-użu taċ-ċertifikati elettroniċi għandhom jiġi inċentivati bl-inklużjoni tagħhom fil-profil ta' riskju tal-vapur. L-użu mifrux ta' ċertifikati diġitali u r-rabta tal-bażi tad-data se jikkontribwixxu għal spezzjonijiet aktar effiċċienti u mmirati. B'mod aktar ġenerali, l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni għandhom potenzjal sinifikanti li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni u għat-taqqs tal-emissjonijiet, u li jrawmu l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati

Fir-rapport tagħha, ir-rapporteur tappella għal investimenti, riċerka u innovazzjoni fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni. Is-Sa Tax tenfasizza li din l-evoluzzjoni se teħtieġ ħiliet ġodda mill-baħħara u li għalhekk għandhom jirċievu taħriġ adegwat biex jiġu żgurati s-sikurezza u l-effiċċenza operazzjonali tal-vapuri.

4) Il-benesseri tal-baħħara

Ir-rapporteur taħseb li l-kontroll mill-Istat tal-port għandu jirrikonoxxi l-impatti detrimentali ta' mistrieħ insuffiċjenti fuq is-sikurezza tal-vapuri, il-prestazzjoni tax-xogħol u s-saħħha u s-sikurezza okkupazzjonali. It-taħriġ tal-uffiċċjali tal-PSC għandu jagħmel aktar enfasi fuq ir-rispett tal-benesseri tal-baħħara u tal-ħaddiema portwali u d-drittijiet fundamentali għal kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien deċenti, b'mod partikolari permezz tal-verifika sistematika tar-rekords tax-xogħol/tas-sighħat ta' mistrieħ.

Ir-rapporteur tappoġġa f'dak ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi żviluppat programm ta' żvilupp u taħriġ professjonal iċċi għall-ispetturi tal-kontroll tal-Istat tal-port, li se jikkontribwixxi għal approċċ effiċċjenti u armonizzat għall-kontrolli tal-Istat tal-port bl-appoġġ u l-għarfien espert tal-EMSA.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur temmen li l-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja u kull ġames snin minn hemm 'il quddiem, tissottommetti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva u l-konformità magħha.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRČEVIED KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entita u/jew persuna
KVNR
Il-Kummissjoni Ewropea
ECSA
ETF
IACS
Rappreżentanza Permanenti tan-Netherlands
T&E
WSC
EUDA
EMSA

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

29.11.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port
(COM(2023)0271 – C9-0191/2023 – 2023/0165(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Izaskun Bilbao Barandica

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-bastimenti tas-sajd bħalissa mhumiex koperti mid-Direttiva dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port, madankollu aktar u aktar obbligi internazzjonali qed ikopru l-bastimenti tas-sajd u l-ħtieġa għal kontroll mill-Istat tal-port fuq il-bastimenti tas-sajd qed tiżdied.

Il-Kummissjoni nnotat li r-rekwiżiti attwali tal-UE ma jaapplikawx għall-bastimenti tas-sajd u li ġerti obbligi internazzjonali b'rabta mal-bastimenti tas-sajd mhumiex infurzati minn kontrolli mill-Istat tal-port u mhumiex spezzjonati b'mod koordinat. Dawn l-obbligi internazzjonali huma primarjament immirati lejn bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 m.

Il-Kummissjoni għalhekk tiproponi li tinkludi bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva u li l-Istati Membri, fuq bażi volontarja, jistgħu jwettqu spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port fuq dawn il-bastimenti. Għal dawn l-ispezzjonijiet il-Kummissjoni tiproponi li għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni biex jiddefinixxu l-modalitajiet għal tali reġimi speċifċi ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 m.

Ir-rapporteur tqis li l-iskemi volontarji għandhom jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat approċċ aktar armonizzat għall-kontrolli. L-approċċ armonizzat huwa ta' importanza għall-kundizzjonijiet ekwivalenti u jqis b'mod pożittiv il-proposta li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-modalitajiet għar-reġim speċifċi ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd. Madankollu, ir-rapporteur tqis dawn il-modalitajiet bħala parti potenzjalment importanti mir-regoli rigward il-kontroll mill-Istat tal-port, u speċjalment meta wieħed iqis li r-regoli dwar il-modalitajiet għar-reġim normali ta' kontroll mill-Istat tal-port huma stabbiliti fl-att bażiku, ir-rapporteur tiproponi li dawn il-modalitajiet għandhom jiġu stabbiliti fil-forma ta' atti delegati.

Ir-rapporteur temmen li huwa importanti li aktar Stati Membri jkunu qed jirratifikaw u jimplimentaw l-obbligi internazzjonali relatati mal-bastimenti tas-sajd u mal-attivitàajiet tas-sajd sabiex jiġi żgurat standard globali għoli u kundizzjonijiet ekwivalenti għas-sajjeda. Ir-rapporteur temmen li huwa essenzjali li dawn l-obbligi internazzjonali jiġu implementati u kkontrollati b'mod armonizzat fl-UE sabiex jiġi żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għas-

sajjeda kollha tal-UE. Għalhekk ir-rapporteur hija tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress mill-Istati Membri fir-ratifika u fl-implimentazzjoni ta' dawn l-obbligi internazzjonali u meta xieraq tressaq proposti leġiżlattivi għal implementazzjoni u kontroll armonizzati tal-miżuri.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 5a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni kollha, huwa preferibbli li l-ewwel jiġu trasposti l-konvenzjonijiet tas-sajd fl-acquis komunitarju bl-għan li tinħoloq sistema armonizzata ta' kontroll komunitarju. Madankollu, diġà hemm Stati Membri li rratifikaw konvenzjonijiet internazzjonali bħall-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ix-Xogħol fis-Sajd (is-C188 tal-ILO) u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (l-STCW-F), li għandhom ir-responsabbiltà li jaapplikaw il-miżuri tal-Kontroll mill-Istat tal-Port.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 5b (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) Huwa ta' importanza kbira li l-Istati Membri li ma rratifikawx konvenzjonijiet internazzjonali relatati mas-sajd, speċjalment is-C188 tal-ILO u l-STCW-F tal-OMI u l-Ftehim ta' Cape

Town tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (CTA tal-OMI), jagħmlu dan malajr kemm jista' jkun, sabiex jiġi evitat ir-riskju li l-Istati Membri japplikaw ir-regoli b'mod differenti u l-Kummissjoni għandha, tinkoragħixxi b'mod attiv u tassisti lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti. Sabiex jiġu żgurati approċċi armonizzati fl-implementazzjoni ta' dawn l-obbligi internazzjonali, dawn għandhom jiġu trasposti fil-livell tal-UE bil-ħsieb li mbagħad jiġi stabbilit approċċi armonizzat għall-kontroll ta' dawn l-obbligi, inklużi sistemi ta' spezzjonijiet armonizzati fuq il-kontroll u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni C188.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5c) Il-Kummissjoni għandha tkompli tivaluta u ssegwi r-ratifika tal-obbligi internazzjonali relatati mal-attivitàajiet tas-sajd u fejn xieraq tippreżenta proposta leġiżlattiva għal traspożizzjoni armonizzata ta' dawn l-obbligi internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-Konvenzjoni STCW-F tal-OMI dwar sistema armonizzata ta' spezzjoni dwar il-kontroll u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni C188 kif ukoll miżuri ta' implementazzjoni fir-rigward tad-Direttiva (UE) 2017/159.

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test proposet mill-Kummissjoni

(7) Madankollu, minħabba x-xejriet tas-sajd mhux l-Istati Membri kollha tal-UE ssirilhom żjara minn dawn il-bastimenti tas-sajd akbar. Għalhekk, qiegħda tīgħi proposta sistema volontarja għal dawk l-Istati Membri tal-UE li jixtiequ jwettqu dawn l-ispezzjonijiet u li hija separata mir-reġim attwali ta' kontroll mill-Istat tal-port biex tippermetti l-flessibbiltà u l-mod kif l-istandardi jiġu żviluppati fil-kontroll mill-Istat tal-port. Din is-sistema ta' kontroll mill-Istat tal-port **tal-bastiment** tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru tista' għalhekk tīgħi żviluppata b'mod organiku mill-Istati Membri, mill-MtQ ta' Pariġi u mill-Kummissjoni.

Emenda

(7) Madankollu, minħabba x-xejriet tas-sajd mhux l-Istati Membri kollha tal-UE ssirilhom żjara minn dawn il-bastimenti tas-sajd akbar. **Barra minn hekk, fis-sajd ma hemm l-ebda qafas legali armonizzat fil-livell tal-UE dwar oqsma bħas-sikurezza marittima, il-kontruzzjonijiet tal-bastimenti u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord.** Għalhekk, qiegħda tīgħi proposta sistema volontarja għal dawk l-Istati Membri tal-UE li jixtiequ jwettqu dawn l-ispezzjonijiet u li hija separata mir-reġim attwali ta' kontroll mill-Istat tal-port biex tippermetti l-flessibbiltà u l-mod kif l-istandardi jiġu żviluppati fil-kontroll mill-Istat tal-port. Din is-sistema ta' kontroll mill-Istat tal-port **ta' bastiment** tas-sajd b'tul ta' aktar minn 24 metru tista' għalhekk tīgħi żviluppata b'mod organiku mill-Istati Membri, mill-MtQ ta' Pariġi u mill-Kummissjoni. **Ir-regoli ta' kontroll tal-Istat tal-port żviluppati għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri li jwettqu dawk l-ispezzjonijiet volontarji jistgħu jagħmlu użu mill-assistenza finanzjarja (FEMSA), sabiex jiżguraw bizznejjed mezzu u riżorsi umani għal dan l-għan.**

Emenda 5

**Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġidida)**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) L-Istati Membri jridu jaapplikaw l-istess kriterji għall-flotot nazzjonali u għal bnadar Ewropej oħra li jidħlu fil-portiċċi tagħhom. Jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda differenza fit-trattament tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u bejn is-sistemi ta' kontroll nazzjonali differenti

implementati.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 16a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) *Sabiex jiġu stabbiliti l-modalitajiet għar-reġim speċifiku ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd, jenħtieġ li l-Kummissjoni tīgi kkonferita b'setgħat delegati. Fl-eżerċizzju tas-setgħat delegati tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi f'termini ta' regoli ta' kontroll mill-Istat tal-port fost l-Istati Membri u l-flotot u l-armonizzazzjoni tar-regoli fil-livell tal-UE.*

Emenda 7

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b Direttiva 2009/16/KE Artikolu 3 – paragrafu 4a

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri jistgħu jwettqu spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port ta' bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' aktar minn 24 metru. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implementazzjoni** li jistabbilixxu l-modalitajiet ta' tali reġim speċifiku ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' aktar minn 24 metru. Dawk l-atti **ta' implementazzjoni** għandhom jiġu adottati f'konformità **mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).**

4a. L-Istati Membri jistgħu jwettqu spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port ta' bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' aktar minn 24 metru. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **delegati** li jistabbilixxu l-modalitajiet ta' tali reġim speċifiku ta' kontroll mill-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' aktar minn 24 metru. Dawk l-atti **delegati** għandhom jiġu adottati f'konformità **mal-Artikolu 30b.**

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 30a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati **f'konformità mal-Artikolu 30b, biex jiġi emendat l-Artikolu 2(1)** biex tiġi emendata l-lista ta'

Konvenzjonijiet stabilita fl-Artikolu 2(1) ladarba tali Konvenzjonijiet ikunu ġew adottati bħala strument rilevanti mill-MtQ ta' Pariġi u **biex jiġi emendat l-Anness VI** sabiex tiżdied u/jew tiġi aġġornata l-lista ta' proċeduri u linji gwida relatati mal-Istat tal-port Kontroll **adottata mill-MtQ ta'**

Pariġi stabilit f'dak l-Anness.

Emenda

F'konformità mal-Artikolu 30b, il-

Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tiġi emendata l-lista ta' Konvenzjonijiet stabilita fl-Artikolu 2(1) ladarba tali Konvenzjonijiet ikunu ġew adottati bħala strument rilevanti mill-MtQ ta' Pariġi, u sabiex tiżdied u/jew tiġi aġġornata l-lista ta' proċeduri u linji gwida relatati mal-Istat tal-port Kontroll **stabiliti fl-Anness VI, wara l-adozzjoni tagħhom mill-MtQ ta' Pariġi.**

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 19a (ġidid)

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 30b - paragrafu 5

Test fis-seħħħ

5. Att **iddelegat** adottat skont l-Artikolu 30a għandu jidħol fis-seħħħ biss jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

(19a) fl-Artikolu 30b, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Att **delegat adottat skont **l-Artikolu 3(4a) u** l-Artikolu 30a għandu jidħol fis-seħħħ biss jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”**

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22

Direttiva 2009/16/KE

Artikolu 35 – paragrafu 1a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sa [UP: Jekk jogħiġbok daħħal data: ġumes snin mid-data tad-dħul fis-seħħi ta' din id-Direttiva emendantorja] tressaq rapport quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-progress mill-Istati Membri fir-ratifikasi tal-obbligi internazzjonali relatati mas-sajd kif ukoll tivvaluta kif dawn l-obbligi għandhom jiġu trasposti fil-livell tal-UE u, meta xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva għal dan il-għan.

**ANNESS: LISTA TA' ENTITAJETJEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRČEVIEK KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Il-Kummissjoni Ewropea
Europeche
Il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport

Il-lista ta' hawn fuq tfasslet taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port
Referenzi	COM(2023)0271 – C9-0191/2023 – 2023/0165(COD)
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.7.2023
Opinjoni(jet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 10.7.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Izaskun Bilbao Barandica 18.7.2023
Eżami fil-kumitat	9.10.2023
Data tal-adozzjoni	29.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 23 0 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Asger Christensen, Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Anja Ħaġa, Niclas Herbst, Ladislav Ilčić, France Jamet, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Ana Miranda, João Pimenta Lopes, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Marc Tarabella, Theodoros Zagorakis
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriel Mato
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Erik Poulsen, Anne Sander

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

23	+
ECR	Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen
NI	Marc Tarabella
PPE	Maria da Graça Carvalho, Anja Ħaġa, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Anne Sander, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Asger Christensen, Erik Poulsen
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Isabel Carvalhais, Predrag Fred Matić
The Left	João Pimenta Lopes
Verts/ALE	Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Ana Miranda, Caroline Roose

0	-

1	0
ID	France Jamet

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

PROĊEDURA – KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port			
Referenzi	COM(2023)0271 – C9-0191/2023 – 2023/0165(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	1.6.2023			
Kumitat responsabbbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.7.2023	EMPL 10.7.2023	ENVI 10.7.2023	PECH 10.7.2023
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 10.7.2023	EMPL 28.6.2023	ENVI 29.6.2023	PECH 17.7.2023
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	BUDG 28.6.2023	EMPL 29.6.2023	ENVI 17.7.2023	
Rapporteurs Data tal-ħatra	Vera Tax 13.7.2023			
Eżami fil-kumitat	9.10.2023			
Data tal-adozzjoni	7.12.2023			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	34 1 4		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Mario Furore, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Tomasz Piotr Poręba, Bergur Lökke Rasmussen, Dominique Riquet, Thomas Rudner, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Achille Variati, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Kosma Złotowski			
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Tom Berendsen, Sara Cerdas, Maria Grapini, Ondřej Kovářík, Ljudmila Novak, Dorien Rookmaker, Nicolae Štefănuță, Kathleen Van Brempt			
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andreas Glück, Erik Marquardt, Andżelika Anna Możdżanowska, Wolfram Pirchner, Eugen Tomac			
Data tat-tressiq	8.12.2023			

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

34	+
ID	Marco Campomenosi
NI	Mario Furore
PPE	Tom Berendsen, Karolin Braunsberger-Reinhold, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Cláudia Monteiro de Aguiar, Ljudmila Novak, Wolfram Pirchner, Barbara Thaler, Eugen Tomac, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Andreas Glück, Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet
S&D	Sara Cerdas, Isabel García Muñoz, Maria Grapini, Bogusław Liberadzki, Thomas Rudner, Vera Tax, István Ujhelyi, Kathleen Van Brempt, Achille Variati
Verts/ALE	Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Erik Marquardt, Tilly Metz, Nicolae Štefanuť

1	-
ECR	Dorien Rookmaker

4	0
ECR	Peter Lundgren, Andżelika Anna Możdżanowska, Tomasz Piotr Poręba, Kosma Złotowski

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni